DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 200974** **22.05.2020**

**STQARRIJA MILL-KAMRA TAD-DEPUTATI**

***Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji jiddiskuti r-rapport tal-Mekkaniżmu u tal-Faċilità għall-Istabilità Finanzjarja Ewropea tas-sena 2018***

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji ippresedut minn Jean Claude Micallef u magħmul mill-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji Edward Scicluna, is-Segretarju Parlamentari għas-Servizzi Finanzjarji u l-Ekonomija Diġitali Clayton Bartolo u Emanuel Mallia min-naħa tal-gvern, u Kristy Debono, Mario de Marco u Claudio Grech min-naħa tal-Oppożizzjoni ltaqa' nhar l-Erbgħa, 20 ta' Mejju 2020.

F'din il-laqgħa l-membri preżenti ngħataw rendikont tal-operat tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) fl-2018. Din il-preżentazzjoni saret mis-Sur Alfred Camilleri, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi. Il-MES hu l-istituzzjoni finanzjarja internazzjonali l-aktar ikkapitalizzat fid-dinja u l-akbar ħajt ta' protezzjoni reġjonali fid-dinja. Il-ħolqien tiegħu huwa pass ewlieni biex jiżgura li ż-żona tal-ewro jkollha l-kapaċità meħtieġa għas-salvataġġ tal-istati membri li jesperjenzaw diffikultajiet finanzjarji mill-inadempjenza.

Sabiex iwettaq din il-missjoni l-MES huwa awtorizzat li joħroġ bonds jew strumenti oħra ta' dejn fis-suq biex jiġbor il-fondi meħtieġa u b'hekk tkun tista' tipprovdi self lil dawk il-pajjiżi f'diffikultajiet finanzjarji. Il-qligħ jippermetti lill-MES jipprovdi lill-membri tiegħu bit-tipi ta' għajnuna finanzjarja li ġejjin: self biex ikopri l-bżonnijiet ta' finanzjament tagħhom; self u injezzjonijiet diretti ta' ekwità biex jirrikapitalizzaw istituzzjonijiet finanzjarji; xiri primarju u sekondarju tas-suq tad-dejn tal-bonds nazzjonali tal-membri u linji ta' kreditu li għandhom jintużaw bħala għajnuna finanzjarja ta' prekawzjoni. L-assistenza finanzjarja kollha lill-istati membri hija marbuta ma' kondizzjonalità xierqa.

Il-laqgħa li jmiss ta' dan il-kumitat hija skedata għal nhar l-Erbgħa, 10 ta' Ġunju, fejn il-Gvernatur tal-Bank Ċentrali, is-Sur Mario Vella, se jagħti preżentazzjoni dwar ir-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali għas-sena 2019.

**Attachments: none** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt** **www.doi.gov.mt**